Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Fużjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Marzu 2017 rigward abbozz ta' deċiżjoni relatat mal-KAŻ COMP/M.7932 — Dow/DuPont

Relatur: Il-Bulgarija

(2017/C 353/03)

Operat

1. Il-Kumitat Konsultattiv (9 Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni tikkostitwixxi konċentrazzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Id-Dimensjoni tal-Unjoni

2. Il-Kumitat Konsultattiv (9 Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni għandha dimensjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Il-Prodott u s-Swieq Ġeografiċi

3. Il-Kumitat Konsultattiv (9 Stati Membri) jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni tas-swieq tal-prodott rilevanti għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, jiġifieri s-segmentazzjoni:

   3.1. tas-swieq għall-erbiċidi;

   3.2. tas-swieq għall-insettiċidi;

   3.3. tas-swieq għan-nematiċidi; u

   3.4. tas-swieq għall-fungiċidi.

4. Il-Kumitat Konsultattiv (9 Stati Membri) jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni tas-swieq tal-prodott rilevanti li ġejjin:

   4.1. Swieq għal-liċenzjar ta' ingredjenti attivi;

   4.2. Swieq għaż-żrieragħ;

   4.3. Swieq għall-editjar tal-ġeni;

   4.4. Swieq għall-kopolimeri aċidiċi;

   4.5. Swieq għall-ionomeri;

   4.6. Swieq għal prodotti tax-xjenza ta' materjal ieħor; u

   4.7. Swieq għal prodotti ta' speċjalità.

5. Il-Kumitat Konsultattiv (9 Stati Membri) jaqbel mad-definizzjoni tal-Kummissjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetizzjoni ta' innovazzjoni.

6. Il-Kumitat Konsultattiv (9 Stati Membri) jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni tas-swieq ġeografiċi rilevanti rigward:

   6.1. Swieq għal prodotti fformulati għall-protezzjoni tal-pjanti;

   6.2. Swieq għal-liċenzjar ta' ingredjenti attivi;

   6.3. Swieq għaż-żrieragħ;

   6.4. Swieq għall-editjar tal-ġeni;

   6.5. Swieq għal prodotti tax-xjenza tal-materjali; u

   6.6. Swieq għal prodotti ta' speċjalità.

7. Il-Kumitat Konsultattiv (9 Stati Membri) jaqbel mad-definizzjoni tal-Kummissjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-kompetizzjoni ta' innovazzjoni.

Valutazzjoni Kompetittiva

8. Il-Kumitat Konsultattiv (9 Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-swieq għal:

   8.1. erbiċidi għaċ-ċereali, kolza, ġirasol, ross u bur;

   8.2. insettiċidi kontra insetti li jomogħdu u kontra dawk li jerdgħu (inklużi thrips); u

   8.3. fungiċidi għall-ġlata tar-ross (rice blast).

9. Il-Kumitat Konsultattiv (9 Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fir-rigward tal-kompetizzjoni tal-innovazzjoni fil-protezzjoni tal-pjanti għal:

   9.1. linji sovraposti ta' riċerka u prodotti ppjanati bikrija bejn il-Partijiet; u

   9.2. l-industrija tal-protezzjoni tal-pjanti b'mod ġenerali.

10. Il-Kumitat Konsultattiv (9 Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-swieq għal:

    10.1. kopolimeri aċidiċi; u

    10.2. ionomeri.

11. Il-Kumitat ta' Konsulenza (9 Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li l-impenji finali offruti mill-Partijiet fis-17 ta' Frar 2017 jindirizzaw it-tħassib tal-kompetizzjoni identifikat mill-Kummissjoni.

12. Il-Kumitat Konsultattiv (9 Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni ma timpedix b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva apparti r-relazzjoni bejn l-attivitajiet tal-Partijiet:

    12.1. fis-swieq għal erbiċidi taċ-ċereali mifruxa fl-ispettri kollha qabel it-tfaċċar, erbiċidi tal-pitravi tal-weraq kbar wara t-tfaċċar u erbiċidi tal-qamħirrum tal-weraq kbar wara t-tfaċċar;

    12.2. fis-swieq għal insettiċidi għall-kolza;

    12.3. fis-swieq għall-fungiċidi taċ-ċereali, fungiċidi tal-marda tar-ross, fungiċidi tal-ħaxix u tal-fjuri u fungiċidi tal-għeneb/dwieli;

    12.4. fis-swieq għall-kontroll tan-nematodi;

    12.5. fis-swieq għal-liċenzjar ta' ingredjenti attivi;

    12.6. fis-swieq għaż-żrieragħ;

    12.7. fis-swieq għall-editjar tal-ġeni;

    12.8. fis-swieq għal prodotti tax-xjenza tal-materjali apparti kopolimeri u ionomeri aċidiċi; u

    12.9. fis-swieq għal prodotti ta' speċjalità.

13. Il-Kumitat Konsultattiv (9 Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li, soġġett għall-konformità sħiħa mal-impenji finali offruti mill-Partijiet fis-17 ta' Frar 2017, it-Tranżazzjoni ma timpedix b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.

Kompatibbiltà mas-Suq Intern

14. Il-Kumitat Konsultattiv (9 Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni għalhekk jenħtieġ li tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u l-funzjonament tal-Ftehim ŻEE f'konformità mal-Artikolu 2(2) u 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim ŻEE.